



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9534/26

LIMITE

CORLX 493  
CFSP/PESC 732  
COEST 390  
FIN 729

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi  
fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali,  
is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK<sup>1</sup>.
- (2) Sabiex tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' provvista għall-operaturi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġu introdotti derogi temporanji ġodda mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq it-tqegħid ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' entità deżinjata, li tippermetti l-istralċ ta' operazzjonijiet, kuntratti u ftehimiet oħra konklużi ma' dik l-entità u x-xiri mill-industrija ta' komponenti kritiċi manifatturati minn dik l-entità. L-operaturi mistennija jadottaw u jimplementaw pjanijiet ta' diversifikazzjoni xierqa qabel l-iskadenza ta' dik id-deroga, bil-ħsieb li jippermettu tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta' provvista.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj)).

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jiżdied il-paragrafu li ġej:

- "36. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata skont l-entrata numru 692 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma strettament meħtieġa għal:
- (a) it-terminazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2026, ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra kunklużi mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 692 qabel it-23 ta' April 2026 u dment li r-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun tlesta sal 31 ta' Diċembru 2026; jew
  - (b) xiri mill-industrija ta' komponenti kritiċi manifatturati minn dik l-entità u għal pagamenti korrispondenti lil dik l-entità bil-ħsieb li tkun tista' ssir tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta' provvista dment li r-rilaxx jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun tlesta sa ... [OJ: jekk jogħġbok daħħal id-data 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

